MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

ID-DISA' LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 1**

**It-Tnejn, 01 ta' Lulju 2024**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar it-Tnejn 01 ta' Lulju 2024 fis-sitta u nofs ta' wara nofsinhar. Il-ħin tal-laqgħa ġie ffissat bi qbil unanimu bejn il-membri tal-Kunsill.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Thomas Mizzi – Sindku
Is-Sinjura Ivana Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Joseph Mercieca - Kunsillier
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmelo Micallef – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Loretta Cauchi – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti;**

**1.1 Talba;**

1.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba, bi qbil unanimu bejn il-membri. Il-laqgħa ġiet preseduta mill-aktar kunsillier anzjan, il-kunsillier Carmelo Micallef.

**1.2 Qari tal-ittri t'apoloġiji;**

1.2.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġiji peress li l-membri kieun kollha prezenti

**1.3 Aċċettazjoni tal-Kariga ta' Sindku u Viċi Sindku;**

1.3.1 Is-Segretarja spjegat kif skond Artiklu 25 tal-Att tal-Kunsilli Lokali, l-aktar persuna li ġġib voti fil-partit li jġib il-maġġoranza huwa intitolat li jkun is-Sindku, u min jiġi warajh ikun il-Viċi Sindku. F'dan il-każ, is-Sur Thomas Mizzi huwa is-Sindku, u s-Sinjura Ivana Mizzi hi l-Viċi Sindku. Hi staqsiet jekk jaċċettawx din il-kariga, huma aċċettaw din il-

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA



*Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, il-Fontana FNT1110, Għawdex*
*Tel: 21558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com*

kariga u ffirmaw l-ittra ta' aċċettazzjoni. Huma ġew għalhekk mistiedna biex jieħdu l-ġurament tal-ħatra ta' Sindku u Viċi Sindku rispetivament waqt ċelebrazzjoi komuni li ser issir għas-Sindki u Viċi Sindki Għawdxin, nhar il-Ġimgħa 5 ta' Lulju fis-6:00 pm fid-Ditch tac-Cittadella

**1.4 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa ntemmet fis-7:00pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 10 ta' Lulju 2024 fil- 05:00 ta' wara nofsinhar bi qbil unanimu u b'aġenda li tkun komunikata aktar 'l quddiem.

Konfermati, llum : 10 ta' Lulju 2024

Thomas Mizzi
Sindku

Loretta Cauchi
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA